**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2016

Talba Numru: 53/2015 AM3

Numru fuq il-Lista: 50

**GO plc (C22334)**

**Vs**

**Anthony Spiteri (K.I. 283763M)**

**u b'digriet tat-Tribunal datat it-12 ta' Gunju, 2015 Nicholas Spiteri gie intervenut fl-odjerni proceduri tal-kawza in 'statu et terminus'**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-Socjeta' attrici prezentata fit-23 ta' Jannar, 2015 li permezz taghha talbet minghand il-kovenut il-hlas ta' erba' mija u tmienja u disghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€498.55c) dovuta in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru AC 40144630 moghtija mis-Socjeta' attrici lil konvenut.

Ra r-risposta tal-konenut li permezz taghha huwa eccepixxa li huwa mhux il-legittimu kontradittur stante li kien sar transfer tal-imsemmi servizz fuq Nicholas Spiteri li huwa lest li jiehu konjizzjoni ta' dan it-transfer pero` qed jikkontesta l-ammont dovut. Li l-konvenut qatt ma gie interpellat ghal hlas u li d-dokumenti mitluba mill-konvenut lis-Socjeta' attrici ma nstabux mis-Socjeta' u li l-ammont allegtament dovut ma jaghmilx sens ghaliex jekk l-individwu ma jhallasx jew ma jkollux 'standing order' is-servizz jigi interrott u ma jibqax jakkumula ad nauseam.

Ra d-digriet a fol 22 li permezz tieghu fit-12 ta' Gunju, 2015 it-Tribunal laqa' t-talba tal-konvenut sabiex Nicholas Spiteri jintervjeni f'dawn il-proceduri 'in statu et terminis.'

Ra x-xhieda ta' Charmaine Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici a fol 39 et li l-ammont dovut huwa in konnessjoni mal-kont numru 40144630 u li l-ammont ghadu dovut u zdiedu l-imghaxijiet u l-ispejjez legali. Hija xehdet li ma sabet li sar ebda transfer fuq Nicholas Spiteri u li anke kieku stess hija r-responsabbilita` tal-klijent li jinforma lis-Socjeta' attrici dwar kull tibdil li jista jkun hemm in konnessjoni mal-istess billing address u mir-records ma jirrizultax li Anthony Spiteri qatt informa lis-Socjeta' konvenuta dwar xi tibdil fil-billing address tieghu. Xehdet li l-username Rover V8 kien ta' Anthony Spiteri u mhux kif xehdu fl-affidavit li saret fuq Nicholas Spiteri.

In kontro-ezami a fol 43 et Wiffen u spjegat li meta xi hadd imur ghand tal-GO biex isir transfer z-zewg partijiet imorru bl-ID cards taghhom, jimtela dokument, jithallas xi kont jekk ikun pendenti u jinqaleb is-servizz ghal fuq it-terza persuna once li jigi ffirmat id-dokument miz-zewg partijiet u l-username tal-persuna jkun intghazel at the point of application u regghet ikkonfermat li ma ghandhom ebda dokument li juri li sar transfer. Murija Dok AMP 3 a fol 47 li juri li l-username Ryan Kim kien jghajjat lil Anthony Spiteri fis-sena 2007 Wiffen wiegbet li tista tivverifika pero' spjega li dok AMP3 huwa tal-Maltanet li kien qabel l-GO u l-account number ma huwiex l-istess u ghalhekk ma tkunx tista tikkonferma.

In ri ezami Wiffen xehdet li mir-records li ghandha l-kumpanija l-equipment relatat ma' dan is-servizz huwa ghand Anthony Spiteri u li hija baghtet e-mail lill-Avukat tal-konvenut li jekk dan huwa in good working condition ghandu jirritornah u jnaqsu hamsin ewro (€50) u l-Avukat tal-konvenut kkonfermat dan.

Ra l-affidavit ta' Nicholas Spiteri a fol 30 li xehed li huwa u huh Anthony Spieri marru l-ufficcju ta' GO plc li jinsab l-Ajruport il-Gudja biex Anthony jaqleb is-servizz fuqu. Iffirmaw xi karti u huwa ta l-username tieghu Rover V 8 u fil-fatt l-username inqaleb minn Ryankim ghal Rover V 8. Gara li l-binja fejn kien imwahhal il-connection tal-GO giet imwaqqa`. Huma marru bil-modem gewwa l-branch tal-GO gewwa Rahal Gdid u irrifjutaw tal-GO li jiehdu l-modem lura ghaliex qalulhom li dan kien antik u ghalhekk il-modem baqa` ghandhom.

Ra l-verbal a fol 42 li permezz taghha l-konvenut u l-interventu fil-kawza ddikjaraw li ma jistghux isibu l-modem u l-partijiet ddikjaraw li ma fadlilhomx aktar provi.

Il-partijiet trattaw il-kawza – s-Socjeta' attrici verbalment filwaqt li l-konvenut u l-intervenut fil-kawza permezz ta' nota.

Gara li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom il-konvenut l-intervenut fil-kawza li permezz taghha eccepixxew l-preskrizzjoni ta' hames snin a tenur tal-Artikoli 2151 (2) u 2156(f) tal-Kodici Civili u ghalhekk it-Tribunal ordna s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u ordna lill-konvenut u lill intervenut biex jissottomettu nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri u ddiferixxa l-kawza ghal provi dwar din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Illi permezz ta' nota a fol 60 s-Socjeta' attrici ddikjarat li tistrieh fuq il-provi gia prodotti.

Ra n-noti tal-partijiet dwar il-preskrizzjoni.

Il-konvenut u l-intervenut qed jinvokaw il-preskrizzjoni ta' hames snin u li skont huma l-hames snin bdew jiddekorru mill-20 ta' Jannar, 2010 mentri l-kawza giet intavolata fit-23 ta' Jannar, 2015. Izda kif sewwa jghid l-Avukat tas-Socjeta' attrici kien sar pagament ta' tletin ewro u sebgha centezmi (€30.07c) fit-30 ta' Settembru, 2010 (fol 2) u ghalhekk b'dan il-pagament Il-preskrizzjoni giet interrotta ghal hames snin ohra cioe` sat-30 ta' Settembru, 2015.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi michuda.

Dwar il-mertu, jigi rilevat li s-servizz inghata u ma hemm ebda kontestazzjoni dwar dan. L-argument tal-konvenut u l-kjamat in kawza li l-prova tal-verzjoni taghhom kellha ssir mis-Socjeta' attrici ma hix legalment tenibbli tenut kont li min jallega jrid jipprova. Kif lanqas jista dan it-Tribunal jqis bhala gustifikazzjoni l-ilment taghhom li l-kuntratt li gie ffirmat mill-attur mas-Socjeta' attrici huwa wiehed kumplikat u dan ghaliex sta ghalih li jkun konvint li qed jifhem dak li qed jiffirma ghalih.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal ma jistax jaqbel mal-konvenut li l-ammont mhux dovut u mhux dovut minnu u ghalhekk dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici u jordna lil konvenut Anthony Spiteri sabiex ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija disgha u tmenin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€498.55c) bl-imghaxijiet kontra l-konvenut filwaqt ghar-rigward l-intervenut ma rrizulta xejn lil dan it-Tribunal fil-konfront tieghu.

Bl-ispejjez kemm tas-Socjeta' attrici kif ukoll tal-intervenut a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**